# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **19** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2011 fis-6,00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-6.35p.m.)<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w aprovazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 18
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet
5. Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet.
   a) KLM2010/11 – Tender for the Collection of Mixed Household Waste wara r-rapport imħejji mill-bord ta' aġġudikazzjoni.
   b) MLC01/2011 - Quotation for Stainless Steel Works in conjunction with the construction of a monument at Triq is-Salini, Marsaskala
   c) MLC02/2011 - Quotation for Manufacture and Installation of Aluminium Composite Sheets and vinyl stickers in conjuction with the construction of a monument at Triq is-Salini, Marsaskala
6. Mistoqsijiet
7. Mozzjonijiet
8. Aġġornament


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 *Qari u approvazzjoni tal-Minuti :*

**Laqgħa Nru 18(1) tas-16 ta' Frar, 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

Minuti tal-laqgħa Nru 18(1) tas-16 ta' Frar, 2011.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa rigward paġna 6 item 4.1 dwar ir-restawr tan-niċċeċ jekk ħarġitx it-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender għada ma ħarġitx minħabba li kellna nissottomettu darbtejn *method statement* lill-MEPA dwar dan. Kif dan il-*method statement* jiġi approvat mill-MEPA, nkunu nistgħu nipproċedu bit-tender.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Bzonn ta' Update tal-website tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li talab lill-iskrivana Rebecca Micallef sabiex taġġorna l-*website* tal-Kunsill għax tinsab *outdated.*

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li li kull tliet snin għandna nbiddlu l-*website,* pero` jkun hemm ħafna xogħol li jsir, għalhekk fil-fatt informa lill-Kunsll li hu kien qed jagħmel *facebook* għall-Kunsill u ġie deċiż unanimament li kull attivita` li ssir għandu jiġi nfurmat il-Kunsillier Jesmond Mugliett biex jaġġorna *facebook* b'dawn l-attivitajiet.

Il-Kunsill approva wkoll li għandna ninfurmaw lis-Sur Andre Borg sabiex jaġġorna l-*website* tal-Kunsill jew inkella jagħti aċċess lill-Kunsillier Jesmond Mugliett ħalli jagħmel l-emendi neċessarji.

3.2 ***Siġġijiet ġodda għall-impjegati ta' l-Uffiċċini Amministrattiv tal-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtraw siġġijiet ġodda għall-uffiċini tal-Kunsill. Inġabu tlett kwotazzjonijiet.

1. CSD Ltd : €105.02 VAT Inkluż
2. BDI Ltd : €145.00 VAT Inkluż
3. BDI Ltd : €165.00 VAT Inkluż

Il-Kunsill approva li jinxtraw 7 siġġijiet mingħand is-CSD Ltd.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-6.35p.m.***

3.3 ***Jackhammer għall-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtara *jackhammer* għall-Kunsill. Inġabu tlett kwotazzjonijiet.

1. Hardware Services Ltd : €873.05
2. J. Attard Tool Services : €975.00
3. J.Attard Tool Services : €599.00

Il-Kunsill approva li jinxtara *jackhammer* mingħand J. Attard Tool Services bl-ammont ta' €975.00. Il-Kunsill fehem ukoll li se jkun hemm bżonn li jinxtara wkoll xi apparat li jeħel ma' l-istess *jackhammer.*

3.4 ***Memo 12-2011 – Skema Housing:***

Il-Kunsill approva unaimament li din l-iskema m'għandniex nidħlu għaliha, peress li ġol-lokalita` tagħna m'għandniex oqsma kbar tal-bini tal-Gvern.

3.5 ***Triq Ġebel Ħanxul – One Way System:***

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li wara li Triq Ġebel Ħanxul saret *one way* 'l fuq daħlulna diversi lmenti mir-residenti li joqgħodu n-naħa ta' fuq f'Bellavista, għalhekk ppropona li jinqalgħu il-*one way signs* kollha u jerġa jiġi kollox kif kien qabel, pero` nagħmlu *one way signs for heavy vehicles* biss fit-tarf ta' Triq Ġebel Ħanxul minn Triq Sant'Antnin.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.6 ***M.Quipp Ltd :***

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Alfred Schembri tal-M.Quipp Ltd., peress li dan l-aħħar kien irrifjuta iċ-ċekk bl-ammont ta' €250.00 li kien ġie approvat mill-laqgħa tal-Kunsill li jingħata għat-twaħħil tal-bandla fi Pjazza Mifsud Bonniċi minn l-kont eċċessiv ta' €661.94, preżentat lill-Kunsill.

Is-Sur Schembri qal li hu lest li jnaqqas s-somma ta' €61.94 mill-kont totali.

Il-Kunsill iddikjara li mhux kuntent bl-aġir tal-kuntrattur minħabba li r-rata ta' twaħħil ta' din il-bandla kienet eċċessiva iżda ma kellux għajr li japprova l-ħlas ta' €600.00, kif talab is-Sur Schembri.

3.7.1 ***KLM 2011/01 - Tender for Street Sweeping & Grass Cutting:***

Il-Kunsill approva li għandu jinħatar bord ta' evalwazzjoni fuq dan it-tender.

Il-Bord se jkun jikkonsisti minn 5 Kunsilliera li huma s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, Lawrence Ciantar, Jesmond Mugliett u George Farrugia.

3.7.2 ***KLM 2011/02 - Tender for Grass Cutting in Non Urban Roads :***

Il-Kunsill approva li għandu jinħatar bord ta' evalwazzjoni fuq dan it-tender.

Il-Bord se jkun jikkonsisti minn 5 Kunsilliera li huma s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, Lawrence Ciantar, Jesmond Mugliett u George Farrugia.

3.8 ***Konferenza Festa Ġemellaġġi 2011:***

Is-Sindku qal li l-Ġimgħa l-oħra attenda laqgħa ta' diskussjoni u nformazzjoni rigward il-Festa Ġemellaġġi li ser issir f'April ġewwa pajjiżna. Għal-laqgħa attendew diversi Sindki mil-lokalitajiet differenti fejn irriżulta illi flok €50 se jingħataw €100 għal kull persuna li ser tiġi minn barra. Irriżulta wkoll illi kull lokal ġemellat seta` jibgħat ħamsa minn nies. Fil-fatt il-Kunsill tagħna ser ikollu sebgħa rappreżentanti minn tlett lokalitajiet differenti ġemellati magħna dak ta' Sherbourne ġewwa Ingilterra u Yudenberg ġewwa Awstrija u Sigulda ġewwa Latvja.

Is-Sindku kompla jgħid kif ser nitqassmu biex inkunu nistgħu nagħtu l-aħjar servizz lil dawn is-sitt rappreżentanti. Kien hemm qbil unanimu favur il-programm u li kien se jkun hemm total ta' tlett ikliet b'kollox għal dawn ir-rappreżentanti u se jkun hemm 2 kunsilliera preżenti waqt dawn l-ikliet li kienu se jsiru fi tlett postijiet differenti.

3.9 ***Laqgħa tas-Sindki ta' l-ECAD (European Cities against Drugs) ġewwa Varna, Bulgaria:***

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hu xtaq li jattendi konferenza tal-ECAD ġewwa Varna, Bulgaria fit-12 u t-13 ta' Mejju, 2011 peress li Marsaskala għada kemm issieħbet f'din l-organizzajoni u li peress fl-aħħar ta' Mejju xtaq jagħmel preżentazzjoni waqt l-*Annual General Meeting* tad-Douzelage biex iħajjar iżjed muniċipalitajiet jissieħbu fl-istess ECAD.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.10 ***Write Offs tal-Kunsill :***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li dawn l-*items* ser jiġu *written off* mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u allura bħala proċedura kien qiegħed jireferihom għall-attenzjoni tal-Kunsill.

1. NEC Monitor 19 inch serial number 111758413186
2. UPS Mustek Powermust 600USB
3. Surecut Guillottine
4. CDrive for Compaq Model SC-148 Serial Number 3892B295
5. Canon Inkjet Pixma IP 2500 – K10299

3.11 ***Bżonn ta' Desks ġodda bil-kxaxen għal-Customer Care:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinqala` r-*reception desk* u jitpoġġew tlett desks separati għax l-iskrivani ma jistgħux jibqgħu jaħdmu kif inhuma għax ir-*reception desk* mhux komda biex jaħdmu tlett skrivani fuqu,għax fil-futur terġa tidħol *full timer* l-iskrivana Rebecca Micallef.

Inġabru 5 kwotazzjonijiet dwar dan.

1. En Vie Furniture : €1900.00
2. Oxford House Ltd : €2613.00
3. BDI Ltd : €1191.54
4. Flexline Ltd : €1398.30
5. Dex WorkSpaces : €2899.83

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsillier John Baptist Camilleri imur jara id-desks tal-BDI Ltd u jekk ikunu tajbin nordnaw lilhom., filwaqt li l-Kunsill għad irid jiddetermina x'se jagħmel bir-*reception desk* preżenti.

3.12 ***Proġett 313 – Encouragement of Tourism Activities:***

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill permezz tal-Gal Xlokk rebaħ dan il-proġett fejn il-Kunsill se jingħata fondi mill-Ewropa fil-proġett 313 taħt skema leader sabiex nagħmlu proġett ġdid fil-Ġnien San Tumas fejn il-Kunsill qabel li nagħmlu *outdoor gym* u *xi garden furniture* u wara jingħata l-isem ta' *St. Thomas Leisure Park.*

Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali Żurrieq dwar dan, fejn intqal li sabiex nissottomettu l-applikazzjoni tagħna għal dan il-proġett inqabdu lill-Perit tagħna sabiex jagħmel l-*isketches* biex inkunu nistgħu napplikaw sa l-4 ta' Mejju, 2011. Wara li tiġi sottomessa l-applikazzjoni tagħna tinħareġ is-sejħa għall-offerti neċessarja.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.13 ***Proġett ERDF 212 - The Regeneration of the Tourism Market in Marsaskala :***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill rebaħ dan il-proġett ukoll minn fost il-Kunsilli Lokali kollha li applikaw fejn dan il-proġett se jiġi mqassam fuq 5 snin. Dan se jkun imqassam fuq żewġ proġetti nfrastrutturali li huma (1) Railing adekwat mad-dawra tat-Torri ta' San Tumas, (2) Tisbieħ tal-promenade ta' San Tumas u l-oħra attivitajiet imqassma għal dawn il-5 snin. Se ningħataw is-somma ta' €362,000 li minnhom se ningħataw 85% u 15% l-oħra napplikaw għalihom mill-*co-financing.*

Is-Sindku qal li kemm jista` jkun fuq dan il-proġett ninvolvu l-Inspire biex ituna s-suġġerimenti tagħhom.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.14 ***Proġett 125 – Infrastructure related to the development and adaptation of agriculture:***

Is-Sindku qal li apparti Proġett 313 fil-*project leader*, inħareġ proġett ieħor taħt 125 hawn fuq imsemmi fejn kull Kunsill membru fil-Gal Xlokk jista ` japplika għal mhux aktar minn €34000 biex jintużaw għal sqaqin jew trejqat użati minn raħħala u bdiewa.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jekk nieħdu dawn il-flus nużawhom għal-area tal-Bidni.

3.15 ***Expression of Interest :***

Is-Sindku qal li wasal il-waqt noħolqu xi idejat fuq Ġnien Sant' Anna li ġie devolut lilna minn Novembru li għadda. Is-Sindku qal li tkellem ma' xi residenti u ħa xi idejat. L-iżvilupp fil-ġnien ma jkunx biss *embellishment* u *landscape* iżda biex wieħed inaqqas il-massa tan-nies flimkien ma` uliedhom minn Pjazza Mifsud Bonnici fejn ser jinbena l-bandli mill-ġdid ikun tajjeb li niddedikaw xi ftit spazju għall-xi *playing equipment*. Punti oħra li ppropona s-Sindku kienu dawn:

Illi l-proġett isir mal-privat bis-sistema tal- PPP.

Illi kif isiru l-pjanti nagħmlu konsultazzjoni pubblika.

Illi nirriservaw id-dritt li nieħdu diżinji minn pjanti esebiti magħmula minn Periti differenti biex b`hekk inkunu mbagħad nistgħu noħorġu s-sejħa għall-offerti.

Li l-proġett ma jinħadimx fuq l-akwata biss iżda bi ħsieb ħolistiku.

Fil-ġnien hemm il-ħsieb li jinbena l-bini Amministrattiv, jerġa jinbena l-klabb tal-boċċi, parkeġġ taħt l-ġnien, xi ħwienet kummerċjali eċċ... Ġnien jingħaqad maz-zuntier tal-Knisja biex wieħed jagħti dehra ta` pjazza tar-raħal. Isir studju fuq it-traffiku u ninsistu mal-Gvern Ċentrali biex tinfetaħ Triq il-Qrempuċ li tispara fi Triq Frans Grech biex b`hekk tagħti nifs il-Promenade u Triq Sant Anna. B`hekk wieħed ikun jista` wkoll iqajjem u jiġġenera l-ekonomija lejn in-negozji żgħar tagħna.

Isir *reservior* ta' l-ilma fi Triq San Gwakkin fejn hemm dik il-biċċa ġnien biex b`hekk jinġabar ħafna ilma tax-xita li jkun ġej minn Ħaż-Żabbar u flok imur u jintrama l-baħar ikun jista` jintuża għat-tisqija tal-ġonna tagħna.

Tissolva l-problema tal-għargħar kif ukoll meta l-ilma baħar jitla l-art anke fis-sajf. L-ilma jitla fi Pjazza Dun Tarċis kif ukoll kif ukoll fejn is-Summer Nights.

Illi kull ma jsir, isir b`aċċesibilita` għall-persuna bi bżonnijiet speċjali.

3.16 ***Dawl Adekwat fi Triq il-Maħsel:***

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona lill-Kunsill li ġewwa Triq il-Maħsel hemm bżonn li jitwaħħlu 4 arbli b'erba` bozzoz magħhom u ppreżenta kwotazzjoni mingħand in-Nexos Street Lighting fejn dawn se jiġu jammontaw is-somma ta' €6222.95. Huwa qal li parti minn din is-somma li hija ta' €1,945.76 hija għat-*trenching*.

Is-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu l-kuntrattur tagħna forsi tonqos l-ispiża tat-*trenching*.

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Kunsill approva unanimament li jitwaħħlu dawn il-bozoz u għar-rigward it-*trenching* nitolbu stima lill-Karmig Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri spjega li dan i-xogħol jaqa` taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill u mhux ta' l-Enemalta.

## 4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet :***

### 4.1 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| Lista ta' Hlasijiet bi Kreditu 15/3/11/ #19(1) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Contracts Manager reports available | | | | | | |
| **P.J.V** | **Supplier** | **Contracts** | **Invoice Date** | **Inv No** | **Amont on Invoice** | **Amount to be paid** |
| 145 | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 11/01/2011 | 10811 | 73.23 | 73.23 |
| 146 | **Pc Wizards** | Optical Mouse | 08/03/2011 | 316 | 7.00 | 7.00 |
| 147* | **Police Dept.** | Extra Works Carnival Acitivity | 27/02/2011 | 32392 | 57.40 | 57.40 |
| 148 | **ARMS** | Fountain Water Pump in Public | 02/03/2011 | 13274447 | 757.46 | 757.46 |
| 149 | **ARMS** | Playing Field Misrah Mifsud Bonnici | 02/03/2011 | 13274448 | 656.72 | 656.72 |
| 150 | **ARMS** | Public Toilet at Zonqor Point | 02/03/2011 | 13274449 | 253.52 | 253.52 |
| 151 | **ARMS** | Public Garden Triq is-Salvja | 02/03/2011 | 13274446 | 154.58 | 154.58 |
| 152 | **ARMS** | Public Garden Triq is-Salvja | 02/03/2011 | 13274445 | 218.04 | 218.04 |
| 153 | **Union Print Ltd.** | 4500 Magazine | 31/12/2010 | P1002080 | 2241.75 | 2241.75 |
| 154 | **Union Print Ltd.** | Advert for Tender | 28/02/2011 | A1004300 | 55.13 | 55.13 |
| 155 | **HSBC Bank Malta plc (Toni's Wine & Spirit)** | Beverages | 15/02/2011 | 1028446 | 87.75 | 87.75 |
| 156* | **Kappillan** | Rent of Premises for activities Iljieli Skalin, Coffee Morning, Children's Party, Party for Helpers, Exhibition Charles Clews | 19/02/2011 | | 500.00 | 500.00 |
| 157 | **Image Systems** | Photocopier | 17/02/2011 | 57261 | 51.94 | 51.94 |
| 158 | **Domeman Glove** | Safety Shoes | 02/02/2011 | 62342 | 138.39 | 138.39 |
| 159* | **John's Garage** | Taxi transfer for the event of Gnien Charles Clews | 31/01/2011 | 128886 | 19.47 | 19.47 |
| 160 | **Media Link Comm.** | Advert for Tender | 15/02/2011 | 45216 | 82.13 | 82.13 |
| 161 | **The Gofer.com** | Photocopier paper | 23/02/2011 | G02908 | 75.23 | 75.23 |
| 162 | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 24/02/2011 | 123664 | 119.15 | 119.15 |
| 163 | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 01/03/2011 | 123853 | 120.06 | 120.06 |
| 164 | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 01/03/2011 | 123838 | 68.45 | 68.45 |
| 165*• | **Nexos Street Lighting** | Supply and Install 5 lampost complete with LED lanterns at Gnien David Vella as per tender KLM 2010/10 | 25/02/2011 | 2010089 | 8180.00 | 8180.00 |
| 166 | **Avantech Ltd.** | Canon Photocopier FSMA | 28/02/2011 | 142915 | 176.84 | 176.84 |
| 167 | **Avantech Ltd.** | Eco Tax on 2 toners | 02/03/2011 | 143061 | 5.50 | 5.50 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 168• | **ELC** | Parks & Gardens Feb 11 | 28/02/2011 | 6996 | 1543.75 | 1543.75 |
| 169 | **Accountant, Cleansing Services Dept.** | Public Convenience for Feb 11 | 02/03/2011 | MLC/11/20080 | 591.75 | 591.75 |
| 170* | **Mr. David Grasso** | PA System Carnival Activity | 04/03/2011 | | 110.00 | 110.00 |
| 171• | **R&A Waste Services Ltd.** | Refuse Collection Feb 11 | 28/02/2011 | 8622 | 9059.24 | 9059.24 |
| 172* | **Med Design Associates** | Professional Fees for Gnien David Vella | 05/02/2011 | 30005020 | 211.93 | 211.93 |
| 173 | **Med Design Associates** | Professional Fees for Douzelage Monument | 25/02/2011 | 30005089 | 725.00 | 725.00 |
| 174* | **Med Design Associates** | Professional Fees landscaping Gnien David Vella | 28/02/2011 | 30005094 | 58.35 | 58.35 |
| 175 | **Med Design Associates** | Site Plans Dawret it-Torri, Triq il-Qaliet | 01/03/2011 | 30005099 | 50.00 | 50.00 |
| 176 | **Mrs. Graziella Mallia** | Librarian Feb 11 | 03/03/2011 | | 172.89 | 172.89 |
| 177 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs as per job sheet no 8741 | 15/02/2011 | 14217 | 651.70 | 651.70 |
| 178 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Crash barrier as per job sheet no 1425 | 23/02/2011 | 14286 | 505.09 | 505.09 |
| 179 | **Advanced Telecomm. Systems Ltd.** | Gel Sprinter Cartridges and ink collector | 08/03/2011 | 43280 | 434.03 | 434.03 |
| 180* | **Gafa Saveways Cleaners Ltd.** | Cleaning of Council Premises | 04/03/2011 | MS/11/02 | 92.80 | 92.80 |
| 181* | **Med Design Associates** | Professional Fees Gnien David Vella | 08/03/2011 | 30005132 | 200.41 | 200.41 |
| 182 | **Med Design Associates** | Professional Fees MEPA Applications scheme fondi ta' restawr | 08/03/2011 | 30005133 | 50.00 | 50.00 |
| 183 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Warden Services - Feb 11 | 07/03/2011 | JC-011/MSA | 4515.84 | 4515.84 |
| 184 | **Gordon Express Entertainment** | Advertisement of events on Radio Hompesch | 07/03/2011 | 1638 | 100.00 | 100.00 |
| Lista ta' Hlasijiet Addizjonali bi Kreditu 15/3/11/ #19(1) | | | | | | |
| 185 | **Koperattiva Tabelli u sinjali** | Road Markings as per job sheet no 10119 | 21/02/2011 | 14299 | 512.25 | 512.25 |
| 186 | **Koperattiva Tabelli u sinjali** | Information signs as per delivery note no 2112 | 09/02/2011 | 14353 | 1072.55 | 1072.55 |
| 187 | **MITA** | Maintenance & Support | 09/03/2011 | SIN024530 | 416.85 | 416.85 |
| 188 | **ITS** | Sage Pastel Partner | 28/02/2011 | SIN110254 | 247.80 | 247.80 |
| 189 | **The Treasury, Vodafone Malta Ltd** | Mobile Service 79637171 for February 2011 | 01/03/2011 | 2322201032011 | 159.47 | 159.47 |
| 190 | **Firetech Ltd** | Service on fire extinguishers | 03/11/2011 | 124307 | 40.36 | 40.36 |
| 191 | **Graphics Bazaar** | Local Newspapers from 1/2/11 - 31/3/11 | 14/03/2011 | 59819 | 166.40 | 166.40 |
| 192• | **Bonnici Bros Ltd** | Construction of pavement works in Triq Sant'Anna - Final Certificate | 10/03/2011 | | 2909.64 | 2909.64 |
| 193 | **Oasis Ironmongery** | Consumables Febraury 2011 | | 2661 | 169.59 | 169.59 |
| 194 | **WasteServ Malta Ltd** | MSW waste for January 2011 | 25/02/2011 | 6437 | 5516.23 | 4161.25 |
| 195• | **Mr.Ronald Bezzina** | Street Sweeping and grass cutting February 2011 | 28/02/2011 | 38 | 3577.53 | 3577.53 |
| 196 | **Mr.Lawrence Cauchi** | Accountancy Service for Fixed Assets Register Final Payment | 14/03/2011 | 2011027 | 839.02 | 839.02 |
| 197 | **Mr.Lawrence Cauchi** | Accountancy Service for December 2010 and 10% extra over for the year 2010 | 11/03/2011 | 2011026 | 1253.12 | 1253.12 |
| 198 | **Allied Newspapers** | Advert | 10/03/2011 | AS1441562 | 87.56 | 87.56 |
| 199 | **Med Design** | Professional Fess for Pavement works in Triq Sant'Anna | 12/03/2011 | 30005150 | 71.29 | 71.29 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 200• | **Karmig Trading** | Pavement & Construction works in Triq id-Dolmen, Triq Sant'Anna, Triq is-Sibbien/Triq l-Isfar, Triq il-Mintba, Pjazza Dun Tarcis Aguis, Gnien San Tumas, Triq tal-Gardiel c/w Triq ta' Gidwet, Triq il-Batterija taz-Zonqor, Triq il-Gross, Triq il-Kannizzata, Triq San Nikola, Triq iz-Zonqor | 10/03/2011 | 863, 864, 865, p/o867, p/o869, 872, 873, p/o874, 875, 876, 877 | 11,064.15 | 9931.53 |
| * Pagament Nru 147 - Attivitajiet tal-Karnival | | | | | | |
| * Pagament Nru 156 - Attivitajiet għall-Iljieli Skalin, Coffee Morning Party tat-Tfal, Party għall-Helpers u Exhibition ta' Charles Clews | | | | | | |
| * Pagament Nru 159 - Gnien Charles Clews | | | | | | |
| * Pagament Nru 170 - Attivitajiet tal-Karnival | | | | | | |
| *Pagament Nru 180 - Id-differenza ta' €43.33 huwa VAT imħallas doppju għax-xhur ta' Dicembru u Jannar bin-numru ta' l-invoice MS/10/012 u MS/11/01 rispettivament | | | | | | |
| * Pagament Numri 165, 172, 174, 181 - Gnien David Vella | | | | | | |

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li Ġnien David Vella ġie jiswa madwar €53,000 u se nieħdu mill-fondi tal-UIF is-somma totali ta' €49,000.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li item Nru 196 tas-Sur Lawrence Cauchi huwa fuq *final payment* fuq il-*Fixed Assets Report* li kien jammonta għal €4122.92 u kien għad baqalna bilanċ ta' €839.02.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li item Nru 197 tas-Sur Lawrence Cauchi huwa kont fejn l-*Accountant* tagħna talab iż-żieda ta' 10% fuq il-kuntratt tiegħu għas-sena 2010.

  Il-Kunsill approva li jingħatalu 5% żieda fuq il-Kuntratt għas-sena 2010.

- Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' ħlasijiet kif spjegat.

4.2 **Ħlasijiet b'urġenza :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, biex jiġu approvati mill-Kunsill.

| Lista ta' Hlasijiet b'Urgenza 15/3/11/ #19(1) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| •Contracts Manager reports available | | | | | |
| **P.J.V** | **Supplier** | **Contracts** | **Invoice Date** | **Inv No** | **Amount to be paid** |
| U66 | **Malta Community Chest Fund** | Funds obtained from public during the activities held on 20 & 21st November 2010 by the Council | 16/02/2011 | | 947.12 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| U67 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 21/02/2011 | | 50.00 |
| U68 | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Performing right society ghas-sena 2011 | 22/02/2011 | | 18.00 |
| U69 | **C.I.R.** | FS5 - February 2011 | 25/02/2011 | | 2097.17 |
| U70 | **Sindku** | Honoraria - Feb 11 | 25/02/2011 | | 795.50 |
| U71 | **Impjegat B** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 1820.19 |
| U72 | **Impjegat C** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 1050.36 |
| U73 | **Impjegat D** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 941.11 |
| U74 | **Impjegat E** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 495.47 |
| U75 | **Impjegat F** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 1160.09 |
| U76 | **Impjegat H** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 922.60 |
| U77 | **Impjegat I** | Salary - Feb 11 | 25/02/2011 | | 958.82 |
| U78 | **D.O.I.** | Advert Quotation MLC01/2011 & MLC02/2011 | 28/02/2011 | | 9.32 |
| U79 | **Selves** | Petty Cash Feb 11 | 01/03/2011 | | 124.38 |
| U80 | **Dr. Owen Bonnici** | Kawza tal-Kunsill Lokali M'Skala vs l-Avukat Generali | 01/03/2011 | | 87.35 |
| U81 | **D.O.I.** | Advert Public Annual Meeting | 01/03/2011 | | 9.32 |
| U82 | **Mr. Aldo Grech** | Fuel for Van | 03/03/2011 | | 60.00 |
| U83 | **IPSL** | Overtime for the month of Jan/Feb 11 | 05/03/2011 | | 204.36 |
| U84 | **Med Design Associates** | MEPA Screaning re Saint Anne Niche | 09/03/2011 | | 50.00 |
| U85 | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Laqgha tas-Sindki u Vici Sindki 20 u 21 ta' Mejju 2011 | 11/03/2011 | | 140.00 |
| U86 | **D.O.I.** | Advert KLM 2011/04 Air Quality Specialist | 11/03/2011 | | 9.32 |
| U87 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 15/03/2011 | | 60.00 |

- Fuq item Nru U80, il-Kunsill ippropona li għandna nniżlu li dan kien rimbors ta' l-ispejjeż tal-Qorti, għax l-Avukat Owen Bonnici ħadem senza interessi għal din il-kawża.

- Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' ħlasijie b'urġenza.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet:***

5.1 **KLM 2010/11 – Tender for the Collection of Mixed Household Waste :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li wara li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni kellu tlett laqgħat dwar dan it-tender, inħarġu dawn il-punti.

Kellna tlett tenderers li applikaw għalih li kienu

1. CA Refuse Collection
2. John Borg
3. R & A u Antoine Bartolo

Tnejn minn dawn it-tenders m'għandhomx jiġu kkunsidrati għax fil-każ ta' CA Refuse Collection ma tagħniex l-*ETC List of Employees*, kif kien mitlub fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u barra minnek pprovda l-*employment history* tiegħu innifsu mhux *updated*. Fil-każ tal-kuntrattur John Borg kien hemm xi diskrepenza fuq xi logbook ta' vettura sottomessa minnhu u barra minn hekk ma pprovdiex kopja tat- tender. Il-bord kien innota li f'każ simili fil-Kunsill Lokali Pieta' kien hemm kuntrattur li ma sottomettiex kopja, kien appella kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill u kien tilef il-każ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq dawn iż-żewġ tenders huwa kien ikkomunika permezz tal-*email* mad-Dipartiment tal-Kuntratti, kif ukoll tal-Gvern Lokali l-korrispondenza relevanti kif mitlub mill-Bord ta' Evalwazzjoni fejn iż-żewġ dipatimenti wieġbu li m'għandhomx jiġu kkunsidrati dawn iż-żewġ kuntratturi minħabba dawn in-nuqqasijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-prezzijiet se jiżdiedu fuq dan it-tender matul l-erba` snin li ġejjien.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan it-tender mhuwiex bħal tenders oħra li kellna fil-passat li se jkun hemm l-istess rata għal kull xahar, għax jiddependi jekk l-iskart jintremiex l-Għallies jew Sant'Antnin u kull sitt xhur jirrevedu l-għoli tal-*fuel*.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill approva bi qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li t-tender għanda tingħata lil R & A u Antoine Bartolo peress li kellu r-rekwiżiti kollha kif suppost u dan wara li ħa nkonsiderazzjoni ir-rakkomandazzjoni u x-xogħol kollu li sar mill-Bord ta' Evalwazzjoni.

5.2 **<u>MLC 01/2011 – Quotation for Stainless Steel Works in conjunction with the construction of a monument at Triq is-Salini, Marsaskala :</u>**

Ġew ippreżentati dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet :

1. Stainless Structure - €4549.44
2. ACMA Inox & Metal Ltd. - €4099.32

Fuq suġġeriment tal-Perit Aaron Abela, il-Kunsill approva li jintgħażel ACMA Inox & Metal Ltd għax kien l-irħas wieħed u kellu r-rekwisiti kollha stipolati fl-istess kwotazzjoni.

5.3 **<u>MLC 02/2011 – Quotation for Manufacture and Installation of Aluminium Composite Sheets and vinyl stickers in conjuction with the construction of a monument at Triq is-Salini, Marsaskala :</u>**

Ġew ippreżentati dawn il-kwotazzjonijiet :

1. Advertising Signs - €616.00
2. DinoSigns - €958.16
3. Sign It - €589.96
4. AF Signs - €925.12
5. ACMA Inox & Metal Ltd. - €515.64

Il-Kunsill approva li għandna nitolbu *samples* lill-Sign It u lil ACMA Inox & Metal Ltd, u dan peress li AF Signs diġa kellu u b'hekk ikunu jistgħu jiġġudikaw dan il-kwotazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

7.0 ***Mozzjonijiet :***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#244-11/02/11):**

*"Jipproponi sabiex issir parking bay għal-persuni b'diżabilita` fi Triq iż-Żonqor wara l-pitch tal-Waterpolo (pjanta annessa)".*

Il-Kunsill approva unanimament li japplika lit-Transport Malta.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#245-11/02/11):**

*"Jipproponi sabiex isir qtugħ ta' ħaxix fi Triq id-Daħla ta' San Tumas u fi Triq Wied iz-Ziju, peress li dan kiber ħafna u qiegħed verament ikraħ bħalissa".*

Il-Kunsill approva unanimament li nqabdu lill-Kuntrattur Ronald Bezzina bir-rata li għandu fil-kuntratt preżenti.

7.3 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#246-14/02/11):**

*"Jipproponi sabiex issir traffic mirror fi Triq Dun Frans Bianco k/m Ta' Monita minħabba s-sit ta' kostruzzjoni li hemm fejn qed ikun aktar ta' periklu anke għat-tfal ta' l-iskola (kif indikat fis-site-plan)".*

Il-Kunsill approva unanimament li japplika lit-Transport Malta għal permessi neċessarji.

7.4 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#247-14/02/11):**

*"Jipproponi sabiex isiru tabelli sabiex jindikaw Ġnien Charles Clews. Tnejn fi Triq il-Qaliet, waħda ħdejn il-Palm Valley u waħda fi Triq Patri Wistin Born".*

Il-Kunsill approva unanimament.

7.5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#248-21/02/11):**

*"Jipproponi sabiex issir loading/unloading bil-ħinijiet bejn it-8.00am u l-4.00pm bejn is-Summer Nights u Chick King fi Triq ix-Xatt, Marsaskala".*

Il-Kunsill approva unanimament li *loading/unloading* isir bejn id-9.00a.m u s-1.00pm u li napplikaw lit-Transport Malta għal permessi neċessarji.

7.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#249-8/03/11):**

*"Jipproponi li nagħmlu dawl adekwat fil-grawnd il-ġdid tal-iskola".*

Il-Kunsill approva unanimament.

7.7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#250-8/03/11):**

*"Jipproponi li niddiskutu u jekk il-Kunsill jaqbel nitolbu lill-MEPA biex ma tikkunsidrax talbiet minn ċertu żviluppaturi tal-propjeta` għal iżjed għoli fis-sulari min dak diġa stabbilit fl-istructure plan kurrenti. Dan ħabba li qiegħed ikun ta' skomdu kbir kif ukoll qiegħed jifga iktar lil ħafna abitazzjonijiet kif ukoll iżid problemi ta' Sanitarji u pparkjar ta' vetturi fost problemi oħrajn".*

Il-Kunsill approva unanimament.

- Il-Kunsill approva unanimament li għandna niġbru nformazzjoni dwar skema li ħarġet il-Housing għal dawk in-nies li jistgħu jibbenifikaw u jiġu ssusidjati mill-Gvern fuq il-kirjiet ta' propjetajiet. Meta niksbu din l-informazzjoni inġibu dan it-tagħrif u noħorġuh fuq il-magazine.

7.8 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#251-21/02/11):**

*"Peress li l-aktar ilmenti li qiegħed ikollna fil-preżent huma rigward patching sewwa fit-toroq tagħna u minħabba fondi limitati ma nistgħux nakkomodaw ir-residenti tagħna kif nixtiequ, nitlob il-permess tal-Kunsill li flus extra li jidħlu ta' kull xahar mill-ħruġ ta' permessi u ħlas tal-ġbir ta' xi dokumenti ta' xi sejħiet (tenders), imorru mal-fondi vvutati għall-manutenzjoni tat-toroq".*

Il-Kunsill approva unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-Kunsill kien għadu kif rebaħ l-iskema Lokalitajiet Indaf u ngħata s-somma ta' €15,000 u li dawn setgħu jintefqu biex jitwettqu proġetti nfrastrutturali.

8.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku